KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 28

**It-Tnejn 18 ta' Mejju 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christine Amaira – Viċi Sindku
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 28.1 Qari tal-Apoloġiji

28.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet żewġ ittri ta' apoloġija, waħda tal-Viċi Sindku u oħra mingħand il-Kunsillier Mallia.

28.1.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 27

28.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 27 li kienu meqjusa moqrija.

28.2.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 27 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 28.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku informa li xtaq li tinkiteb ittra lill-IM għaliex waqt l-aħħar laqgħa tagħhom, huma kienu wegħdu lill-Kunsill li meta kienu se jagħlqu Triq M.A. Vassalli, il-parti li tinżel 'l isfel, huma kienu se jiftħu l-oħra 'l fuq biex ma jkunx hemm iż-żewġ toroq magħluqa. Barra minn dan, ma ġejniex infurmati li t-triq kienet se tingħalaq u r-residenti li jridu jinżlu l-Imsida kienu qed isibu l-għeluq u jkollhom jibqgħu sejrin fit-traffiku tal-Pietà u jerġgħu lura.

28.3.2 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-mistoqsija tal-Kunsillier Farrugia waqt l-aħħar laqgħa dwar jekk IM hux qed jibgħatu r-rifużjoni tal-ispejjeż tal-*mobile toilets,* hija infurmat li l-aħħar pagament ta' rifużjoni mingħand IM li sar kien għax-xahar ta' Frar 2026.

## 28.4 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report (Jannar – Marzu 2026)*

28.4.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kopja tar-rapport finanzjarju għal kull kwart, hekk kif preparate mill-accountant tal-Kunsill, eżattament għall-ewwel kwart tas-sena.

28.4.2 Hija infurmat li l-Kunsill kien baqa' għaddej fuq it-triq it-tajba u filfatt, l-indikatur finanzjarju kien tela' għal 28%.

28.4.3 Ir-rapport hekk kif preżentat ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 28.5 Risposta għall-*Management Letter* tal-Awdituri

28.5.1 Is-SE preżentat ir-risposta għall-*management letter* li kienet irċeviet mingħand l-Awdituri. Hija spjegat li kienet inġibdet l-attenzjoni biss dwar ftit punti u kienet wieġbet għal kull punt.

28.5.2 Ir-risposta ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 28.6 Approvazzjoni tar-*Representation Letter* tal-Awdituri

28.6.1 Is-SE preżentat kopja tar-*representation letter* tal-Awdituri.

28.6.2 Din ġiet approvata mill-Kunsill kollu u ġiet iffirmata mis-Sindku u s-SE.

## 28.7 Approvazzjoni għal talbiet għal xogħol b'*reduced hours*

28.7.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba għall-estensjoni tar-*reduced hours* (30 siegħa fil-ġimgħa) mingħand Mirane Mifsud Triganza. Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, il-Kunsill approva din it-talba.

28.7.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ukoll talba mingħand Sonia Vassallo li xtaqet li minn Ottubru tibda taħdem fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa flok 40. Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, il-Kunsill approva din it-talba.

28.7.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsill, is-SE infurmat li kienet saret intervista ma' applicant għall-post ta' Council Assistant u ma kienx instab adegwat għax-xogħol meħtieġ. Sfortunatament it-tieni applicant ma attendiex l-intervista darbtejn. Hija kienet infurmat lill-Jobsplus dwar dan kollu iżda ġiet infurmata li l-istess bħall-każ tal-Operative 4, il-proċeduri tal-impjieg jinsabu kollha wieqfa minħabba l-elezzjoni.

## 28.8 Skola Primarja tal-Imsida:

28.8.1 **Parkeġġ taħt l-Iskola Primarja:** Is-Sindku informa li ġejna mgħajta biex niffirmaw il-kuntratt tal-parkeġġ. Sadanittant kienu qed jinġabu l-kwotazzjonijiet varji li hemm bżonn biex jinħareġ l-ammont tal-kirja għar-residenti.

Is-SE ġibdet l-attenzjoni li mill-proposti tal-Kunsill kienet tneħħiet waħda li tispeċifika li l-kuntratt ma jiġġeddidx awtomatikament u li l-ammont jista' jonqos jew jiżdied biss b'5%. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li għandu jinsisti li din il-klawsola titpoġġa lura. Min-naħa l-oħra jekk jibqgħu ma jaċċettawhiex il-Kunsill għandu jmexxi bil-firem u min ikun qed jieħu ħsieb jara li wara 5 snin, id-differenza fil-prezz tkun waħda raġonevoli.

28.8.2 **Tmexxija tal-Fergħa tal-Librerija Pubblika fl-Iskola Primarja:** Is-SE infurmat li bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet biex niffinalizzaw it-tmexxija tal-fergħa tal-librerija fl-Iskola Primarja fejn setgħet tkun aktar aċċessibbli għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri tagħhom. Din kienet se timxi f'sala kbira li nħolqot apposta bħala librerija u li fil-preżent ma kinitx qed tintuża. Il-pjan huwa li l-ftuħ isir għas-sajf li ġej.

Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg issuġġerixxa li jkun opportune kieku l-ftuħ uffiċjali jikkonċidi mal-attivitajiet ta' Jum l-Imsida. Il-Kunsill approva u s-SE se tkun qed tikteb lill-uffiċjali tal-Iskola u tal-librerija pubblika biex tħaffef il-proċess.

## 28.9 Jum l-Imsida 2026

28.9.1 Is-SE infurmat li kienu ddaħħlu 8 nomini għal persuni differenti għall-Onoreficenza Mertu l-Imsida 2026. Minħabba li kien hemm xi mistoqsijiet minn membru tal-bord li s-SE ma kinitx taf tirrispondi, kien hemm qbil li d-deċiżjoni tittieħed fil-ġimgħat li ġejjin waqt laqgħa b'urġenza.

28.9.2 Sadanittant is-SE talbet lill-Kunsill jikkunsidra li jingħata rikonoxximent lil Sonia Vassallo, waħda mill-uffiċjali, li din is-sena kienet għalqet 30 sena ta' servizz mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

28.9.3 Sadanittant kienu qed jinġabu l-kwotazzjonijiet sabiex tittella' l-attività.

## 28.10 Approvazzjoni tal-Iskema tal-Attivitajiet tal-Milied (SPI/SCI/03/2026)

28.10.1 Is-SE preżentat il-kopja tal-applikazzjoni tal-iskema tal-attivitajiet tal-Milied li kienet tikkonsisti minn dawriet bil-vintage bus bħas-sena preċedenti, kant, presepji u wirja ta' villaġġ tal-Milied mill-iscouts, kunċert minn Spiteri Lucas Band u daqq mill-Banda Melita San Ġużepp. Iddaħħlet ukoll l-attività tal-banda fl-Iskola Primarja, hekk kif kien issuġġerixxa l-Kunsillier JC Borg.

28.10.2 Is-SE infurmat li b'kollox l-ispiża kienet telgħet għal €17,601 u minnha l-Kunsill irid iħallas 15%, ċioe €2,640.12. Għaldaqstant it-talba għall-ispiża min-naħa tad-DGL kienet se tkun ta' €14,960.68.

28.10.3 Din l-applikazzjoni ġiet approvata kif preżentata u ġiet iffirmata mis-Sindku u s-SE.

## 28.11 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

28.11.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 28.12 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

28.12.1 Il-Kunsillier Chircop talab ghal xi kwotazzjonijiet ghall-attività tal-10 ta' Lulju 2026. Huwa informa li għandu kwotazzjoni għal €2150 li tinkludi kollox ħlief ilma għal xi logħob kif ukoll generator minħabba li fiż-żona li m'hemmx elettriku u ilma. Huwa kien se jieħu ħsieb jikkuntattja wkoll lill-kumitat tal-*Wheel-Chair Basketball*. Is-Sindku ssuġġerixxa li jinġabu xi *sponsors*.

28.12.2 Sadanittant kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil IM biex jiġi assigurat li l-parti li tgħaqqad il-pjazza preżenti u z-zuntier se jkunu lesti sa dakinhar minħabba din l-attività. Il-Kunsillier Chircop kien se jieħu ħsieb jgħaddi l-informazzjoni lis-SE biex isir poster.

28.12.3 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li għandha ssir talba mal-banek lokali biex issir ATM fl-Imsida. Fil-preżent teżisti waħda ħdejn il-Junior College u oħra s-Swatar imma dawn mhumiex faċilment aċċessibbli.

28.12.4 Il-Kunsillier Farrugia informa li hemm bżonn ta' 2 *mobile toilets* ħdejn l-Iskola Primarja. L-amministrazzjoni se tieħu ħsieb tordnahom.

28.12.5 Il-Kunsillier JC Borg fakkar lis-SE biex l-amministrazzjoni tgħaddilu l-ismijiet ta' dawk li ħadu Mertu l-Imsida biex nagħmlu l-profil ta' min ħadhom biex issir esebizzjoni nhar Jum l-Imsida.

28.12.6 Is-SE infurmat li kellha bżonn xi ismijiet għal min jixtieq joqgħod fuq xi bords tal-offerti. Kien hemm qbil li jkunu kif ġej:

**Offerta għall-ġbir ta' skart goff:**
Ġie kkonfermat li l-persuni fuq il-bord tal-evalwazzjoni se jkunu s-Sindku, is-SE, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier C. Borg u l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

**Offerta għall-installazzjoni ta' lift fil-binja tal-Kunsill:** Is-SE, is-Sindku, il-Kunsillier Agius u l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

**Offerta għax-xiri ta' vettura għall-ħaddiema:** Is-SE, il-Kunsillier Agius, il-Kunsillier Farrugia u l-Kunsillier Chircop.

## 28.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

28.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-28), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Chircop propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Farrugia ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 28.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 23ta' Ġunju 2026 fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv